ii. provi globali reali li juru l-koeżistenza paċifika fis-suq tat-trade marks inkwistjoni għal iktar minn għaxar snin, fejn l-intervenjenti ma ressqu ebda azzjoni ta' ksur, liema fatt jindika b'mod kunsiderevoli li ma kienx hemm probabbiltà ta' konfużjoni fid-data rilevanti.

Għaldaqstant, l-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja: (1) tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-184/13 u terġa' tibgħat it-talba quddiem l-UASI sabiex tingħata segwitu; u (2) tordna li l-ispejjeż tal-appellanti jiġu rrimborsati lilha.

([1]) ĠU L 78, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Belġju) fis-17 ta' Lulju 2015 – Hilde Orleans *et* vs Vlaams Gewest; il-parti l-oħra: Gemeentelijk Havenbedrijf Antwerpen**

**(Kawża C-387/15)**

(2015/C 354/20)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Raad van State

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Hilde Orleans, Rudi Van Buel, Marina Apers

*Konvenuta:* Vlaams Gewest

*Intervenjenti:* Gemeentelijk Havenbedrijf Antwerpen

**Domanda preliminari**

Il-pjan ta' implementazzjoni tal-iżvilupp reġjonali (GRUP) jinkludi regoli tal-ippjanar li jipprevedu li l-iżvilupp ta' żoni (allokati b'mod iktar preċiż lill-impriżi portwali u marbuta mal-passaġġi tal-ilma, ma' park loġistiku, mal-infrastrutturi tal-passaġġi li jistgħu jitbaħħru u mal-infrastrutturi tat-toroq u tat-trasport) li fihom hemm riżorsi naturali (żona ta' tip ta' habitat naturali jew habitat ta' speċi li għalihom ġiet indikata ż-żona speċjali ta' konservazzjoni/żona ta' protezzjoni speċjali kkonċernata) li jikkontribwixxu għall-għanijiet ta' konservazzjoni taż-żoni speċjali ta' konservazzjoni/żoni ta' protezzjoni speċjali kkonċernati, huwa possibbli biss wara l-ħolqien ta' habitat sostenibbli f'żoni ta' importanza ekoloġika (indikati fiż-żona Natura 2000) u wara deċiżjoni tal-Gvern Fjamming, adottata wara opinjoni preliminari tal-amministrazzjoni Fjamminga kompetenti fil-qasam tal-konservazzjoni tan-natura, li tikkonstata s-suċċess tal-ħolqien sostenibbli taż-żoni ta' importanza ekoloġika, liema deċiżjoni għandha tinstab fit-talba għal permess ta' ppjanar dwar l-iżvilupp tal-faċilitajiet imsemmija iktar 'il fuq.

Dawn ir-regoli tal-ippjanar u l-iżvilupp pożittiv taż-żoni ta' importanza ekoloġika li dawn jipprevedu jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-eventwali effetti sinjifikattivi u/jew fl-evalwazzjoni xierqa, skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "Habitats" ([1]), jew għandu jiġi kkunsidrat li dawn jistgħu jikkostitwixxu biss "miżuri kumpensatorji" fis-sens tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva "Habitats", sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti minn din id-dispożizzjoni ġew sodisfatti?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102).